

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Novembru 2007 —
Diy-Mar Insaat Sanayi ve Ticaret Ltd Sirketi, Musa Akar vs
Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża C-163/07 P) ⁽¹⁾

*(Appell — Kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet — Ammissibbiltà
— Rekwiżiti proċedurali essenzjali — Rappreżentanza obbli-
gatorja tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn avukat li għandu
l-kapaċità li jidher quddiem qorti ta' Stat Membru — Appell
manifestament infondat)*

(2008/C 51/50)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Diy-Mar Insaat Sanayi ve Ticaret Ltd Sirketi, Musa Akar [rappreżentant: C. Şahin, Rechtsanwalt]

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: P. van Nuffel u F. Hoffmeister, aġenti]

Suġġett

Appell mid-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Jannar 2007, Diy-Mar Insaat Sanayi ve Ticaret u Akar vs Il-Kummissjoni (T-129/06), li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet bħala inammissibbli rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005, dwar l-għoti ta' kuntratt pubbliku ta' xogħol għall-bini ta' stabbilimenti ta' tagħlim fil-provinċji ta' Siirt u ta' Diyarbakir u, min-naħa l-oħra, għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-proċedura in kwistjoni. — Nuqqas ta' informazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq in-neċessità ta' rappreżentanza minn avukat li għandu l-kapaċità li jeżerċita quddiem il-qorti ta' Stat Membru fil-każ ta' rikors kontra d-deċiżjoni — Preżentata tardiva tar-rikors issanat

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Diy-Mar Insaat Sanayi ve Ticaret Ltd Sirketi u Musa Akar huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 129, 9.6.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ottubru 2007 —
Derya Beyatli vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża C-238/07 P) ⁽¹⁾

*(Appell — Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali għaċ-
ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru — Avviż ta' kompetizzjoni
— Termini — Ilment — Ittra indirizzata lill-Kap tad-Delegaz-
zjoni tal-Kummissjoni f'Ċipru)*

(2008/C 51/51)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Derya Beyatli (rappreżentant: A. Demetriades, dikigoro-rosd)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u M. H. Kraemer, aġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tal-5 ta' Marzu 2007, Beyatli u Candan vs Il-Kummissjoni (T-455/04), li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet bħala inammissibbli rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/A/1/03, sabiex tiġi stabbilita lista ta' riżerva għal Assistenti Amministraturi ta' naz-zjonalità Ċiprijotta, li ma ppermettietx lir-rikorrenti jagħmlu l-eżami orali ta' l-imsemmija kompetizzjoni — Termini sabiex jittressaq ilment skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Per-sunal

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Is-Sinjura Beyatli għandha tbatl l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 183, 4.8.2007.